



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1820 tad-9 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "Etere monoetiliku tad-dietilenglikol" <sup>(1)</sup>** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1821 tad-9 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja** ..... 4
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1822 tad-9 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 8

##### DEĊIŻIONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1823 tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjonijiet (PESK) 2015/607 u (PESK) 2015/1750 (ATALANTA/6/2015)** ..... 10

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1820

tad-9 ta' Ottubru 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "Etere monoetiliku tad-dietilenglikol"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 jirrikjedi li l-limitu massimu ta' residwu (minn issa 'l quddiem "l-MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel, jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, għandu jiġi ffissat permezz ta' regolament.
- (2) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 <sup>(2)</sup> tistabbilixxi s-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-MRLs fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali.
- (3) Bħalissa, is-sustanza etere monoetiliku tad-dietilenglikol inkluża f'dik it-tabella bħala sustanza awtorizzata għall-ispeċijiet tar-ruminanti u tal-porċina kollha. Skont l-entrata eżistenti għall-etere monoetiliku tad-dietilenglikol, l-ebda MRL mhu meħtieġ għal dawn l-ispeċijiet tal-annimali.
- (4) Ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn issa 'l quddiem "l-EMA") biex l-entrata eżistenti tal-etere monoetiliku tad-dietilenglikol tiġi estiża għat-tjur.
- (5) L-EMA, skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-użu Veterinarju, irrakkomandat li l-entrata eżistenti tal-etere monoetiliku tad-dietilenglikol tiġi estiża għat-tjur.
- (6) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-EMA għandha tikkunsidra li l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva li tinsab f'oġġett tal-ikel partikolari tużahom għal oġġett tal-ikel ieħor li jkun ġej mill-istess speċi, jew inkella li l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew iktar tużahom għal speċijiet oħrajn.

<sup>(1)</sup> ĠUL 152, 16.6.2009, p. 11.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠUL 15, 20.1.2010, p. 1).

- (7) L-EMA qieset li l-estrapolazzjoni tal-entrata eżistenti tal-etere monoetiliku tad-dietilenglikol għall-ispeċijiet kollha li jipproduċu l-ikel hija xierqa.
- (8) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandu jiġi emendat skont dan.
- (9) Jixraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex il-partijiet interessati kkonċernati jieħdu l-miżuri li jaf ikunu meħtieġa biex jikkonformaw mal-MRL il-ġdid.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Medċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 qed jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan jibda japplika mid-9 ta' Diċembru 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

\_\_\_\_\_

ANNEX

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, l-entrata għas-sustanza “etere monoetiliku tad-dietilenglikol” tinbidel b’dan li ġej:

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċijiet tal-Annimali	MRLs	Tessuti fil-mira	Dispożizzjonijiet oħra (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni Terapewtika
“Etere monoetiliku tad-dietilenglikol	MHUX APPLIKABBLI	L-ispeċijiet kollha li jipprođuċu l-ikel	M’hemmx bżonn MRL	MHUX APPLIKABBLI	L-EBDA ENTRATA	L-EBDA ENTRATA”

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1821

tad-9 ta' Ottubru 2015

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> (ir-"Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013 tal-5 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

## A. IL-MIŻURI FIS-SEĦĦ

- (1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013, il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli li fihom piż ta':
  - 2,5 % jew aktar ta' nikil, ħliet wajers li fihom piż ta' 28 % jew aktar iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 22 % ta' kromu;
  - inqas minn 2,5 % ta' nikil, ħliet wajers li fihom piż ta' 13 % jew aktar iżda mhux aktar minn 25 % ta' kromu u 3,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6 % ta' aluminju,
 li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġinaw mill-Indja ("il-prodott ikkonċernat").
- (2) Fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv ikkooperaw għadd kbir ta' produttori esportaturi mill-Indja. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") għażlet kampjun ta' produttori esportaturi Indjani biex jiġu investigati.
- (3) Il-Kunsill impona rati individwali ta' dazju fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jvarjaw minn 0 % għal 12,5 % fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun u d-dazju medju differenzjat ta' 5 % għall-kumpaniji li kkooperaw iżda li mhumiex fil-kampjun. Lista ta' produttori esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun tinsab fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013. Dan l-Anness kien emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1019 <sup>(3)</sup>.
- (4) Il-Kunsill impona wkoll rata ta' dazju ta' 12,5 % mal-pajjiż kollu fuq il-kumpaniji l-oħra li jew ma ddikjarawx ruħhom jew inkella ma kkooperawx fl-investigazzjoni.
- (5) L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013 jistipula li fejn xi produttur esportatur ġdid mill-Indja jaġhti biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:
  - (a) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu li fuqu huma bbażati l-miżuri, jiġifieri mill-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Marzu 2012 ("il-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni");

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> ĠUL 298, 8.11.2013, p. 1.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1019 tad-29 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/49 (ĠUL 163, 30.6.2015, p. 18).

- (b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur li huwa soġġett għall-miżuri antidumping imposti minn dan ir-Regolament; kif ukoll
- (c) jew effettivament esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni wara l-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni wara l-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni,

għalhekk l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament jista' jiġi emendat billi l-produttur esportatur il-ġdid jingħata r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li jkkoperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun, jiġifieri r-rata ta' dazju medja ponderata ta' 5 %.

#### B. IT-TALBA TAL-PRODUTTUR ESPORTATUR IL-ĠDID

- (6) Il-kumpanija Indjana Amar Precision Wire Products Pvt., Ltd. ("l-applikant" jew "Amar") talbet li tingħata r-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ("trattament ta' produttur esportatur ġdid" jew "NEPT").
- (7) Sar eżami biex jiġi stabbilit jekk l-applikant jissodisfax il-kriterji biex jingħata NEPT kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013.
- (8) Intbagħat kwestjonarju lill-applikant biex titolbu jforni evidenza li jissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti hawn fuq fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013.
- (9) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat jekk l-applikant jissodisfax it-tliet kriterji biex jingħata n-NEPT. Saret żjara ta' verifika fil-bini ta:

— Amar Precision Wire Products Pvt., Ltd. f'Satara

- (10) L-applikant ta' biżżejjed evidenza biex jipprova li jissodisfa t-tliet kriterji msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013. Fil-fatt l-applikant seta' jipprova li:
- (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, bl-eċċezzjoni ta' tranżazzjoni ta' kampjun wieħed deskritta fid-dettall fil-premessa (11);
- (ii) mhuwiex relatat ma' xi esportaturi jew produtturi fl-Indja li huma soġġetti għall-miżuri antidumping imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013; kif ukoll
- (iii) fil-fatt bdiet l-esportazzjonijiet tagħha tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni f'Ġunju 2014 u hija marbuta b'aktar obbligu kuntrattwali biex tkompli dawn l-esportazzjonijiet;

u għalhekk jista' jingħata r-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri 5 % skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013, u għandu jiżdied mal-lista ta' produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun.

- (11) L-applikant ammetta fit-tweġiba għall-kwestjonarju NEPT tiegħu li huwa effettivament esporta lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali iżda kienet biss tranżazzjoni waħda tal-kampjun ta' kwantità minuri u valur ta' inqas minn EUR 500, mibgħuta bl-ajru. Id-dokumenti li ġew ivverifikati fil-post (inkluż l-iskambju ta' korrispondenza li wasslu għal din il-konsenja u aktar skambju) ikkonfermaw in-natura tal-kampjun tat-tranżazzjoni. Għalhekk huwa konkluż li din it-tranżazzjoni mhijiex raġuni biex tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrenti għal NEPT.
- (12) Il-Kummissjoni nfurmat lill-applikant u lill-industrija tal-Unjoni bis-sejbiet ta' hawn fuq u tathom l-opportunità li jikkummentaw. Ma waslu l-ebda kummenti.
- (13) Kodiċi TARIC (Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea) ġdid addizzjonali (B121) jeħtieġ li jiġi attribwit lill-applikant. Purament għal raġunijiet ta' integrazzjoni teknika fit-TARIC, dan ir-Regolament għandu jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 <sup>(1)</sup> billi jattribwixxi l-istess kodiċi addizzjonali TARIC (B121) lill-applikant.
- (14) Dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 861/2013 tat-2 ta' Settembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 240, 7.9.2013, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kumpanija li ġejja tizzied mal-lista ta' produttori esportaturi mill-Indja fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1106/2013:

Isem il-kumpanija	Belt	Kodiċi addizzjonali TARIC
"Amar Precision Wire Products Pvt., Ltd.	Satara, Maharashtra	B121"

*Artikolu 2*

It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 861/2013 tinbidel bit-tabella li ġejja:

"Kumpanija	Dazju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Raajratna Metal Industries, Ahmedabad, Gujarat	3,7	B775
Venus Wire Industries Pvt. Ltd, Mumbai, Maharashtra	3,0	B776
Precision Metals, Mumbai, Maharashtra	3,0	B777
Hindustan Inox Ltd, Mumbai, Maharashtra	3,0	B778
Sieves Manufacturer India Pvt. Ltd., Mumbai, Maharashtra	3,0	B779
Viraj Profiles Vpl. Ltd., Thane, Maharashtra	0,0	B780
KEI Industries Limited, New Delhi	0,0	B925
Superon Schweisstechnik India Ltd, Gurgaon, Haryana	3,7	B997
Amar Precision Wire Products Pvt., Ltd, Satara, Maharashtra	3,7	B121
Il-kumpaniji elenkati fl-Anness	3,4	ara l-Anness
Il-kumpaniji l-oħra kollha	3,7	B999"

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.



Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1822****tad-9 ta' Ottubru 2015****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	51,8
	MA	164,8
	MK	32,3
	TR	137,2
	ZZ	96,5
0707 00 05	AL	34,9
	TR	107,9
	ZZ	71,4
0709 93 10	TR	136,4
	ZZ	136,4
0805 50 10	AR	112,8
	BO	160,8
	CL	149,1
	TR	127,3
	UY	107,3
	ZA	125,7
	ZZ	130,5
	ZZ	130,5
0806 10 10	BR	261,1
	EG	184,5
	MA	56,6
	MK	96,2
	TR	160,1
	ZZ	151,7
	ZZ	151,7
0808 10 80	AR	258,8
	CL	177,6
	MK	23,1
	NZ	172,5
	US	137,2
	ZA	119,5
	ZZ	148,1
	ZZ	148,1
0808 30 90	AR	131,8
	TR	134,7
	XS	87,9
	ZA	218,5
	ZZ	143,2

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/1823

tas-6 ta' Ottubru 2015

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjonijiet (PESK) 2015/607 u (PESK) 2015/1750 (ATALANTA/6/2015)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ("Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (2) Fil-15 ta' April 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/607 <sup>(2)</sup> li taħtar lill-Kaptan (Forza Navali) Alfonso GÓMEZ FERNÁNDEZ DE CÓRDOBA bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tar-Rear Admiral Stefano BARBIERI bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE biex jieħu post il-Kaptan (Forza Navali) Alfonso GÓMEZ FERNÁNDEZ DE CÓRDOBA.
- (4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Fid-29 ta' Settembru 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1750 <sup>(3)</sup> li taħtar lir-Rear Admiral Stefano BARBIERI bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mis-6 ta' Ottubru 2015.
- (6) Id-data tal-ħatra għandha tiġi modifikata.
- (7) Id-Deċiżjonijiet (PESK) 2015/607 u (PESK) 2015/1750 għandhom għalhekk jitħassru.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

<sup>(1)</sup> ĠUL 301, 12.11.2008, p. 33.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/607 tal-15 ta' April 2015 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex ikun hemm kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/102 (Atalanta/3/2015) (ĠU L 100, 17.4.2015, p. 79).

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/1750 tad-29 ta' Settembru 2015 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/607 (ATALANTA/5/2015) (ĠU L 256, 1.10.2015, p. 13).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Rear Admiral Stefano BARBIERI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mit-8 ta' Ottubru 2015.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjonijiet (PESK) 2015/607 u (PESK) 2015/1750 huma b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**